**IL-KONVENZJONI EWROPEA**

Brussell, 27 ta' Marzu 2002

**ITTRA**

**Lill-Edituri tal-gazzetti ta' l-Istati Membri u tal-Pajjiżi Kandidati**

Fil-hamsin sena mill-bidu tal-Komunita' Ewropea, l-Ewropa ghamlet progress kbir. L-Unjoni Ewropea issa qed tlesti sabiex tilqa' fi hdanha membri godda. Din hija storja ta' success, iżda ukoll wahda li tiffaccja żewg sfidi. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni jridu jersqu iżjed qrib tac-cittadin, permezz ta' kontroll demokratiku ikbar li jkun iżjed miftuh u efficjenti. L-Unjoni ghandha bżonn ukoll tiddefinixxi r-rwol taghha f'dinja li dejjem qed tinbidel.

Sabiex jigu kkunsidrati dawn l-elementi, u sabiex jigu identifikati risposti possibli, il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea waqqaf Konvenzjoni f'Dicembru 2001, li giet inawgurata fit-28 ta' Frar fi Brussell. Il-Konvenzjoni bi hsiebha twettaq ix-xoghol taghha fil-pubbliku, u ghalhekk infethet 'website' (http://european-convention.eu.int) fejn il-qarrejja taghkom ikunu jistghu isegwu d-dibattiti taghna u jaqraw id-dokumenti taghna.

Iżda l-process ghandu żewg aspetti: ahna wkoll nixtiequ nisimghu il-fehma taghhom. Ir-rwol tal-Konvenzjoni huwa li tkun taf kif il-poplu ta' l-Ewropa jhares lejn l-Unjoni tieghu, u dak li jixtieq minnha. Sabiex ikollna l-ahjar riżultat, ghandna bżonn inharsu lejn firxa wiesgha ta' opinjonijiet. Ahna ser norganizzaw dibattiti pubblici, u d-dettalji taghhom ser ikunu ppublikati fuq il-'website' taghna. Ahna waqqafna ukoll 'Forum' sabiex ir-rappreżentanti ta' ghaqdiet non-governattivi, u individwi nteressati, ikunu jistghu jippartecipaw fid-dibattitu. Il-'Forum' ghandu 'website' tieghu (http://europa.eu.int/futurum/forum_convention/) li huwa specifikament mahsub ghall-iskambju ta' kontribuzzjonijiet bil-miktub. Din hija stedina sabiex il-qarrejja taghkom jinghaqdu maghna.

Sabiex nassistuhom, u anki sabiex nassistu lilna nfusna, ahna nixtiequ li l-gazzetta taghkom tippublika din l-ittra. Aktar u aktar, ahna nixtiequ li intom tistiednu lill-qarrejja taghkom sabiex jaghtu kontribut fuq il-pagni taghkom ghad-dibattitu pubbliku dwar il-futur ta' l-Unjoni Ewropea. Ahna ser insegwu b'interess kbir dak li jghidulna.

Valéry Giscard d'Estaing
President tal-Konvenzjoni Ewropea

Giuliano Amato
Vici-President tal-Konvenzjoni Ewropea

Jean-Luc Dehaene
Vici-President tal-Konvenzjoni Ewropea

MT